Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 157/2013 AE

**Mark Anthony Borg (appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (appellanti)**

10 ta' Marzu, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, ir-rikorrent talab ir-revoka tad-decizjoni tal-intimata li thassar l-licenzja tas-sewqan bi prova.

2. B'sentenza tal-24 ta' Marzu, 2015 it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent u rrevoka d-decizjonijiet tal-Awtorita tal-4 ta' Settembru 2013.

3. L-intimata appellat. L-aggravji huma:

   i. Permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Jannar 2014 it-Tribunal kien diga' cahad parti mill-appell tar-rikorrent u cioe' l-ewwel talba sabiex l-effetti tad-decizjoni tal-Awtorita ma jkollhom effett pendente lite. Ghalhekk ladarba l-ewwel talba giet michuda u ntlaqghet l-ewwel eccezzjoni, l-intimata ma kellhiex tehel l-ispejjez kollha.
   ii. L-eccezzjonijiet l-ohra li nghataw mill-intimata ma tqisux. Fil-fatt ma saret l-ebda riferenza ghalihom fis-sentenza. Ghaldaqstant, ma nghatat l-ebda motivazzjoni ghalfejn l-eccezzjonijiet gew michuda.

4. Ir-rikorrent wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. **<u>Fatti.</u>**

   i. Fil-25 ta' Lulju 2013 inhargu zewg avvizi ta' kontravenzjoni fuq il-vettura Honda KBP 825, talli sar dhul fi triq kontra s-sinjal ta' traffiku u x-xufier naqas milli jobdi ordni tal-gwardjan lokali. Il-multa komplessiva kienet €70.28. Avvizi li nhargu kontra **The Offender**.
   ii. B'cekk datat 6 ta' Awissu 2013, OK Ltd thallsu l-multi lir-Regjun Nofsinhar. Din is-socjeta hi l-principal tal-post fejn jahdem l-appellat u Ramon Vella li mill-provi rrizulta li kien ix-xufier li wettaq il-kontravenzjonijiet.
   iii. L-appellanti mponiet punti ta' penali fuq il-licenza tas-sewqan bi prova tal-appellat.

iv. B’avviz datat 4 ta’ Settembru, 2013 intalab jiehu l-licenza sabiex issir annotazzjoni ta’ dawn il-penali.

v. B’avviz datat 4 ta’ Settembru 2013 l-appellat gie nfurmat li minhabba l-kontravenzjonijiet tat-traffiku kienu gew impost fuqu tnax jew iktar punti ta’ penali fil-Licenza tas-Sewqan bi Prova. Ghaldaqstant, l-appellanti rrevokatlu l-licenza.

6. **Sentenza tat-Tribunal.**

It-Tribunal iddecieda li mill-provi kien irrizulta li l-kontravenzjonijiet twettqu minn terza persuna. Ghaldaqstant, l-appellat ma messhom qatt gew imposti fuq l-appellat il-punti ta’ penali. It-Tribunal qal:

*"Illi l-hsieb tal-legislatur fir-rigward tal-licenzji bi prova kien li persuna li tkun ghadha kemm gabet il-licenza ssuq b’aktar kawtela u huwa min jikser il-ligi biss li ghandu jigi penalizzat b’punti ta’ penalita’. Illi huwa rragonevoli illi wiehed jimponi punti ta’ penalita fuq licenza tas-sewqan bi prova ta’ individwu meta ma jkunx dak l-individwu li wettaq il-kontravenzjonijiet. Ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun ihossu aggravat biz-zewg decizjonijiet mehuda fil-konfront tieghu mill-Awtorita’ intimate u ghaldaqstant qieghed jannulla l-istess decizjonijiet"*.

**Konsiderazzjoni.**

7. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, hu fatt li b’digriet tad-9 ta’ Jannar 2014 (fol. 25) it-Tribunal cahad it-talba tal-appellant sabiex pendente lite jissospendi l-ordni tal-appellanti. Ghalhekk l-ilment taghha hu gustifikat, pero limitatament sa fejn jitratta spejjez relatati ma’ dak id-digriet.

8. Fil-meritu l-appellanti tinvoka r-regolament 40 u 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 u ssostni li m’ghamlet xejn ghajr li applikat ir-Regolamenti. Ghalkemm l-appellanti ssosnti li m’ghamlet xejn, *"(….) ghajr illi applikat dawn ir-Regolamenti, dawn il-ligijiet, korrettement u kif suppost"*, dan mhux minnu.

9. Skont regolament 40(1):

*"Ghal kull kontravenzjoni, ghandhom jigu mposti mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Kummissarju tal-Gustizzja, skont il-kaz, punti ta’ penali kif jidher fis-Sitt Skeda, u dawn jigu mnizzla fil-kontroparti tal-licenza tas-sewqan bi prova li jkollu s-sewwieq"*.

10. Pero’ f’dan il-kaz mill-provi rrizulta li l-konvenut ma wettaq l-ebda kontravenzjoni, ghaliex meta nhargu l-avvizi ta’ kontravenzjoni mhux hu kien qieghed isuq il-vettura. L-ghan wara l-imposizzjoni ta’ penali hu sabiex id-

detentur tal-licenza tas-sewqan bi prova hu li jigi penalizzat ghal kontravenzjoni li jwettaq. Pero' f'dan il-kaz irrizulta li:

i. Il-kontravenzjonijiet twettqu minn Ramon Vella .
ii. L-avvizi ta' kontravenzjoni nhargu kontra The Offender, u mhux l-appellat.
iii. Il-hlas tal-penali sar minn OK Limited.

11. Ikun ghal kollox irragonevoli li persuna li ma kinitx qeghda ssuq il-vettura meta twettqu il-kontravenzjonijiet, tigi mposta fuqha penali. Din zgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur. Wiehed irid jiftakar li f'dan il-kaz il-gwardjan lokali li hareg l-avvizi, harighom kontra The Offender. Din mhi l-ebda prova li l-appellat kien qieghed isuq il-vettura.

12. Subinciz (3) tar-regolament 40 jipprovdi:

*"(3)* ***Fejn id-detentur jammetti r-reat u jhallas il-penali*** *relevanti skont il-procedura specjali stabbilita fl-artikolu 62 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 tal-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja, kif ikun il-kaz, l-Awtorita ghandha tnizzel, fuq il-kontroparti tal-licenza tas-sewqan bi prova tas-sewwieq, il-punti minimi ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda ghall-kontravenzjoni partikolari".*

L-appellat m'ammettiex ir-reat u lanqas ma hallas il-penali. Il-qorti tosserva wkoll li:

i. Ghalkemm l-artikolu 62(5) tal-Kap. 65 jipprovdi li meta multa tithallas fiz-zmien li jissemma f'subinciz (3), *"(...)* ***u l-hlas ta' dik il-multa ghandu ghall-finijiet kollha, jitqies li jkun ammissjoni tal-eghmil tar-reat****"*, jibqa' l-fatt li l-avvizi ta' kontravenzjoni nhargu kontra The Offender u l-hlas sar minn OK Limited u mhux l-appellat.
ii. It-Tribunal kien korrett f'dak il qal fir-rigward tal-artikolu 14(2) tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja (Kap. 291). L-artikolu 14(3) jipprovdi l-opportunita sabiex il-persuna li tkun tissemma fl-avviz tal-kontravenzjoni, li jhallas il-penali stabbilita fl-avviz. Fil-kaz in ezami fl-avvizi ta' kontravenzjoni ma ssemmiet l-ebda persuna b'isimha.

13. It-Tribunal ma setax jiddeciedi mod iehor wara li mill-provi rrizulta li l-persuna responsabbli ghall-kontravenzjoni kienet Ramon Vella u mhux l-appellat. Li kieku t-Tribunal kkonferma d-decizjoni tal-appellanti kien ikun ifisser li persuna innocenti tehel punti ta' penali fuq il-licenza, ghall-kontravenzjonijiet li qatt ma wettqet. Il-mod kif l-appellanti applikat il-ligi hu ghal kollox skorrett u mhuwiex veru li t-Tribunal warrab il-provvedimenti tal-ligi. L-appellanti kienet taf li l-avvizi ta' kontravenzjoni nhargu kontra **The Offender**, u kienet

biss presunzjoni arbitrarja taghha li l-kontravenzjonijiet twettqu mill-appellat. Hu evidenti li qabel harget l-avvizi tal-4 ta' Settembru, 2013, l-Awtorita m'ghamlet l-ebda indagni biex tiddetermina min kien **The Offender** u min ghamel il-hlas. Ghalhekk id-decizjoni taghha hi bazata fuq presunzjoni ghal kollox zbaljata. Irrispettivament mid-domandi li ghamlet l-appellanti f'paragrafu 16 tar-rikors tal-appell, ladarba rrizulta li l-appellat ma wettaqx il-kontravenzjonijiet u qatt m'ammetta, ma kellhomx jigu mposti l-punti ta' penali.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-24 ta' Marzu 2015, pero limitament ghall-ispejjez relatati mad-digriet tad-9 ta' Jannar 2014 li ghandu jhallashom l-appellat.**
2. **Tichad it-tieni aggravju u salv ghal dak li nghad tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.**
3. **L-ispejjez tal-appell ghandhom jinqasmu in kwantu ghal 5% a karigu tal-appellat u 95% a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.